**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 10 ta' Lulju 2002**

**Numru 1**
**Citaz. Nru. 726/92 FD**

**Carmen Baldacchino**

**Vs**

**Thomas Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti huma mizzewwga u miz-zwieg taghhom ghandhom zewg ulied, Sean ta' sentejn u Gabriel ta' sena;

U premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, theddid, sevizji, mohqrija, swat, minacci, u ingurji fil-konfront ta' l-attrici u uliedhom, u aktar minn hekk irrenda l-hajja konjugali impossibbli bejn il-partijiet b'mod illi llum iz-zwieg jidher li tfarrak irrimedjabilment u l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali flimkien ma' uliedha minuri u tmur toqghod mal-genituri taghha;

U premess illi l-attrici trid tissepara ruhha definittivament minn mal-konvenut u ghal dan l-iskop ottjeniet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni necessarja ghall-prezenti procedura u dana skond digriet numru 209/92 li kopja tieghu giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata "Dokument Jmb";

U premess illi a termini tal-imsemmija awtorizzazzjoni l-attrici qed tipprezenta din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tistabbilixxi retta alimentari settimanali pagabbli mill-konvenut lill-attrici;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata f'idejn l-attrici Carmen Baldacchino;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti;

5. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni ta' l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja porzjoni lil kull wahda mill-partijiet;

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provdut fl-Artikolu 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili jew dawk applikabbli ghal kaz in ezami;

7. Tordna lill-konvenut illi jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali nkluzi flus li kellha qabel iz-zwieg;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Thomas Baldacchino illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, l-attrici ntavolat dina l-kawza f'isimha biss u mhux in rapprezentanza ta' ulied minuri tal-kontendenti, Sean illum kwazi erba' snin; u Gabriel illum kwazi tliet

snin; illi lanqas ma jidher li l-attrici pprezentat kontestwalment rikors biex tigi awtorizatha minn din l-Onorabbili Qorti permezz ta' digriet opportun sabiex tkun tista' tirrapprezenta lill-imsemmija ulied minuri subien; illi ghalhekk jigi issa illi l-attrici ma tistax legalment tirrapprezenta lill-ulied minuri u kwindi ma tistax legalment titkellem ghalihom, u wisq anqas titlob il-kura u kustodja taghhom;

2. Illi ghalhekk it-tielet talba ta' l-attrici ghandha tigi mmedjata michuda bl-ispejjez kontra taghha;

3. Illi dwar it-tieni premessa kienet l-attrici li ghamlet il-hajja konjugali nfern ghall-konvenut u kienet l-attrici stess li ghamlitha mpossibili ghall-konvenut u l-ulied minuri tieghu li dana z-zwieg jigi salvat, liema zwieg illum huwa ammess tkisser irremidjabilment; pero` kienet l-attrici li bl-istrategiji taghha telqet ghar-ragunijiet taghha mid-dar konjugali u qabdet u hadet maghha lit-tfal minuri, u regolarment tabbuza minn dana l-fatt billi ccahhadt deliberatament lil missierhom il-konvenut milli jara lill-istess uliedu, u ghaldaqstant filwaqt li l-konvenut jaqbel li l-ewwel talba ta' l-attrici ghandha tigi milqugha, din ghandha tkun minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici, u kwindi t-tieni talba ta' l-attrici ma ghandhiex tigi akkolta billi l-attrici ma ghandha jedd ghall-ebda retta alimentari pagabbli lilha mill-konvenut;

4. Illi l-konvenut jaqbel li tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, biss fis-sens li l-attrici ma ghandha tiehu xejn iktar mill-hafna li diga` hadet lill-konvenut billi l-attrici minbarra li farrket iz-zwieg, jekk dana qatt kien zwieg; miz-zwieg 'il hawn qatt ma riedet taghmel xejn u kollox sar bil-bzulija u l-hidma tal-konvenut, u xi nuqqasijiet li kellu l-konvenut gabithom fuqu l-istess attrici billi wasal iz-zmien li l-konvenut lanqas kien jiflah ihares biss lejn l-attrici tant u tant spiccat biex tirripunjah;

5. Illi ghalhekk ir-raba' u hames talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu milqugha, biss fis-sens kif imfisser fit-tielet u raba' paragrafi hawn fuq, u kif jigi elaborat fil-mori tal-kawza, anke b'riferenza ghac-Citazzjoni Numru 644/92 - FD fl-ismijiet "Thomas Baldacchino pro et noe –versus- Carmen Baldacchino" li tinsab miexja ma' din l-kawza u differita ghall-istess jum tal-5 ta' Marzu, 1993;

6. Illi kwantu ghas-sitt talba dina ghandha tigi kompletament michuda ghar-ragunijiet fuq indikati u fid-dawl tal-provi kollha fil-mori ta' dina l-kawza u l-kawza ntavolata mill-konvenut fl-ismijiet inversi; filwaqt li kwantu ghas-seba' talba l-konvenut ma ghandu jirritorna xejn lill-attrici billi dak li kellha tiehu mid-dar konjugali, inkluzi flus, l-attrici dana haditu billi meta telqet mid-dar konjugali u haditlu maghha lill-ulied minuri, il-konvenut kien qed jaqla' bi tbghatija l-hobza ghall-familja;

7. Illi l-konvenut jirreferi ghall-verbal ta' dina l-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Noovembru, 1992, meta dina l-kawza kienet Numru 21 fuq il-lista, b'riferenza ghall-ftehim bejn id-difensuri tal-partijiet dwar il-provi fiz-zewg kawzi mplikati;

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Lulju 1993 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol 133 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-17 ta' Ottubru 2001;

Rat il-verbali ta' l-udjenzi li nzammu wara l-prezentata ta' din ir-relazzjoni u senjatament dawk tad-9 ta' Jannar u ta' l-20 ta' Marzu ta' din is-sena;

Semghet lix-xhieda prodotti u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi permezz ta' din ic-citazzjoni, l-attrici wara li ppremettiet illi zewgha l-konvenut kien hati fil-konfronti taghha ta' nuqqasijiet elenkati fl-istess citazzjoni, talbet illi din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni bejniethom b'tort tal-konvenut, u li l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri jigu fdati f'idejn l-attrici, u illi tigi akkordata lilha retta alimentari kull gimgha; talbet ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti, u li l-konvenut jigi ordnat jirritorna lill-attrici l-beni kollha taghha parafernali inkluzi dawk li kellha qabel iz-zwieg u anki d-dikjarazzjoni illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu indikati fl-artikoli elenkati fl-istess citazzjoni;

Illi minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa illi t-tielet talba kellha tigi michuda peress li l-attrici intavolat din ic-citazzjoni f'isimha biss u mhux in rapprezentanza ta' l-ulied minuri u li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment ghal nuqqasijiet imputabbli lill-istess attrici; illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti ssottometta li l-attrici ma kellha tiehu xejn izjed peress li diga` kienet hadet hafna minghand il-konvenut, li ghamel dak kollu li ghandhom il-kontendenti bi bzulija u l-hidma tieghu; il-konvenut eccepixxa wkoll li ma kellu

jirritorna xejn lill-attrici peress illi meta hija kienet telqet mid-dar hadet kollox, barra li hadet ukoll l-ulied komuni, waqt li minn naha tieghu l-konvenut kien qed jaqla' bi tbatija l-hobza ghall-familja;

Illi jrid jigi rilevat illi l-konvenut odjern pprezenta wkoll citazzjoni kontra l-attrici martu li ggib in-numru 644/92 fejn it-talbiet huma pratikament identici pero` minn naha ta' Thomas Baldacchino, u l-partijiet u d-difensuri qablu li l-provi kollha li jingabru f'kawza wahda jkunu applikabbli u jaghmlu stat anki ghal kawza l-ohra u in fatti r-rapport peritali gie pprezentat biss f'din il-kawza ghalkemm l-espert kien gie nominat fiz-zewg kawzi u l-kontendenti qablu u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom relattivi; ghalhekk il-Qorti meta sejra biex taghti sentenza f'din il-kawza hadet konjizzjoni u ezaminat bir-reqqa d-dokumenti u x-xhieda kollha li jinsabu fil-process l-iehor bl-ismijiet inversi bin-numru 644/92 u li qieghed jigi deciz ukoll illum;

Illi mir-rizultanzi processwali jidher li l-attrici odjerna kien ilha taf lil zewgha xi sena u nofs qabel iz-zwieg u dan kien qalilha car li huwa kien ihobb jixrob xi ftit u jpejjep xi ftit haxixa, u semma' wkoll li kellu xi djun li skond l-istess attrici hija kienet hadet hsieb biex thallaslu; b'dana kollu skond ix-xhieda ta' l-attrici hija kienet thobb lill-konvenut u kienet temmen li setghet tressqu lejn it-triq it-tajba wara li jkunu mizzewgin; irid jigi wkoll rilevat illi ommha kienet kontrarja ghar-relazzjoni taghha mal-konvenut u li anki tul iz-zmien ta' qabel iz-zwieg il-konvenut irrizulta li kien

ukoll isawwatha pero` wara kien imur jiskuza ruhu;

Illi l-attrici sa minn qabel iz-zwieg hallset is-somma ta' madwar elf lira ghal dejn li kien dahal fih il-konvenut u kienet xtrat l-affarijiet kollha mehtiega ghad-dar u dan anki peress li hija kienet tahdem;

Illi l-Qorti tifhem li l-attrici kienet taf sew ghal xhiex kienet diehla u dwar dan sejra tikkwota x-xhieda ta' l-istess attrici relattivament ghall-gurnata meta kellu jsir it-tieg: "*fil-gurnata tat-tieg irrangajna kollox ghand ommu ghaliex konna ser naghmlu festa zghira id-dar ta' ommu wara li nigu mill-knisja. Xi l-erbgha ta' fil-ghaxija Tommy cempilli u qalli li hu ma riedx jizzewweg u li jiena stajt ma mmurx il-knisja. Dak il-hin jiena mort ghand ommu u nsib lil Tommy liebes il-libsa tat-tieg pero` f'sakra mejjet. Hu beda jghidli biex niehu nofs il-helu u nitlaq 'il hemm. Jiena hekk ghamilt. Pero` aktar tard filghaxija gie ghand ommi bi xkora li kien fiha l-kumplament tal-helu kollu mghaffeg. Lil missieri qallu biex l-ixkora jaghtiha lili halli naghmilha fuq l-istonku tieghi.*" Wara episodju tant sinifikattiv il-Qorti rat li b'sorpriza pero` ftit granet wara l-attrici regghet bdiet tohrog mal-konvenut illi qallha li kien dahallu demonju, u xi xahrejn wara zzewgu;

Illi ftit wara z-zwieg, l-attrici tghid li l-konvenut ma ridhiex tkompli tahdem f'impieg regolari izda rieda tibda taqla l-flus billi tmur ma' xi ragel b'mod indicenti; damu xi xhur

separati u l-konvenut beda jattendi kors tal-Caritas u meta spiccah l-istess socjeta` Caritas sabitlu job jahdem mal-Holiday Inn pero` huwa malajr iddejjaq u pprefera li jghixu minn fuq ir-Relief. L-istess socjeta` Caritas imbaghad sabitlu xoghol ta' awziljarju f'San Blas stess meta l-attrici kienet qeghda tistenna l-ewwel tarbija u bl-ghajnuna ta' self ta' Lm600 minghand ommha u altre tanto minghand huha huma xtraw flat tal-Gvern li kien ghall-bejgh. L-attrici tghid illi zewgha rega' kien vjolenti meta kienet harget tqila bit-tieni tarbija u kien biss bl-intervent ta' Dun Ang Seychell li regghu marru flimkien, u dan kien zmien li l-konvenut kien qieghed jattendi l-kors tal-Caritas li jidher li huwa spicca b'success tant li hemm certifikat esebit f'dawna l-atti, ghalkemm l-attrici tghid li tal-Caritas stess kienu qalulha li kellhom dubji li zewgha kien izomm fit-triq it-tajba;

Illi rrizulta li l-inkwiet bejn il-kontendenti ma naqas qatt u baqghu flimkien biss bl-intervent tal-membri tal-Caritas u ta' l-imsemmi Dun Ang Seychell, ghalkemm hija spiccat ghand is-sorijiet flimkien mat-tfal;

Illi l-attrici ressqet in sostenn tat-tezi taghha lil huha u lill-genituri illi kkonfermaw sostanzjalment dak li kienet qed tghid hi, u xehdu li kienu jaghtuha l-flus peress illi zewgha kien ihalliha nieqsa; illi huma xehdu wkoll illi kienu jafu li Dun Ang Seychell gieli ta wkoll xi flus lill-attrici biex jghinha tixtri l-bzonnijiet tal-familja; dana kollu kien ikun hafna izjed kredibbli kieku tressaq bhala xhud l-

imsemmi sacerdot illi pero` l-ebda parti ma hasset li kellha taghmel dan;

Illi minn naha tieghu l-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu jikkontendi illi dak li qalet l-attrici kienu qlajja fil-konfronti tieghu, anzi kkontenda illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ma ghandiex tibqa f'idejn l-attrici imma ghandha tigi fdata f'idejh peress li huwa kien kapaci li jaghmel dan l-inkarigu, u wara li ghamel referenza ghal-lista interminabbli ta' nies li huwa kien intenzjonat iressaq bhala xhieda, issottometta wkoll li kien bi hsiebu jipproduci bhala xhud importanti tieghu lid-Dottoressa Maria Sciberras;

Illi skond il-verzjoni tal-konvenut, kienet l-istrategija ta' l-attrici biex tipprova tidher li hi nnocenti waqt illi l-konvenut kien f'hidmitu jaqla l-hobza ghall-familja tieghu waqt li martu telqet ghar-ragunijiet taghha mid-dar konjugali;

Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni taqra l-istorja twila moghtija mill-konvenut fid-dikjrazzjonijiet guramentati tieghu imma tinnota illi ma tantx hemm punti illi jikkontradicu dak li qalet l-attrici hlief illi dejjem jinsisti fuq il-fatt illi kien l-atteggjament ta' l-attrici li jzommu milli jara lil uliedu li wasslu ghal hajja li kien qieghed jghix. Bi ftahir kbir huwa jaghmel referenza ghac-certifikat tal-Caritas rilaxxat fl-20 ta' Gunju 1991 li kkonferma li bl-ghajnuna ta' esperti kien wasal biex gheleb il-problema tad-droga illi kellu; il-Qorti ma tistax pero` ma tosservax illi l-problema tad-droga kienet ilha fuq il-konvenut sa minn qabel ma

zzewweg u li anki wara illi kien ittermina b'certu success il-kors tieghu fil-Caritas irrizulta skond ma jidher anki ikkonstatat fir-rapport peritali illi anki waqt li kien qieghed fil-Habs u anki waqt li kien qieghed gewwa sptar huwa wkoll waqa' ghall-vizzju imsemmi;

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet ta' l-abbli relatur li z-zwieg bejn il-konjugi Baldacchino kien dizastru sa mill-bidu tieghu u li sa minn "*qabel iz-zwieg Thomas Baldacchino kien midjun, kien jixrob u kien jiehu xi haxixa wkoll. Carmen allura Vella hasbet li z-zwieg kien ser jirriforma lill-gharus. Hasbet li kienet ser tixtri hall li wara jsirilha (jew taghmlu) imbid izda gharrara bl-ikrah.*"; huwa kkonkluda li z-zwieg tkisser irredjamibilment u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut kif provvdut fl-artikolu 40 tal-Kap 16;

Illi verbali li segwew il-konferma ta' dan ir-rapport jindikaw li l-konvenut bl-ebda mod ma pprova jwaqqa din il-konkluzjoni u ghalhekk il-Qorti sejra taqbel dwar dan il-punt ma' l-abbli relatur;

Illi kif diga` rrizulta minn dak li intqal hawn fuq, il-konvenut dejjem insista li martu ma kinetx thallih jara lil uliedu u dana anki qabel ma dahal il-habs; illi jirrizulta b'mod car illi dawna dejjem trabbew minn ommhom u dan bl-ghajnuna tal-genituri ta' l-istess attrici u ta' xi erwieh tajba li taw l-ghajnuna taghhom;

Illi tul il-mori tal-kawza, il-Qorti kellha okkazzjoni tikkonsidra dan il-problema diversi

drabi u ma tistax ma tosservax b'ammirazzjoni l-intervent ta' Patri Mark Montebello li ha l-pacenzja kollha immaginabbli u kien jahli anki hinijiet twal biex jipprova jwassal lill-ulied gewwa l-habs biex jaraw lil missierhom; illi jrid jigi osservat illi skond ix-xhieda ta' l-imsemmi Fr. Montebello l-attrici kienet tissikka hafna lil uliedha biex tipprova ggeghlhom imorru jaraw lil missierhom u sahansitra jghid illi kienet anki theddidhom li ssawwathom jekk ma jmorrux; b'dana kollu l-istess Fr. Montebello fix-xhieda li ta lill-Qorti u fid-diversi dehriet li ghamel quddiemha fejn spjega r-rizultati ta' l-isforzi tieghu, huwa esprima l-opinjoni li ma kienx hemm aktar sens illi jsiru tali zjajjar sfurzati, u fil-fatt fl-ahhar dawna waqfu;

Illi ghalhekk il-Qorti anki hawn taqbel mal-konkluzjoni peritali b'dan li d-Direttur ghall-Harsien tal-Familja ghandu jsegwi l-kaz biex minn zmien ghal zmien tigi esplorata l-possibilita li l-ulied ikollhom xi forma ta' kuntatt ma' missierhom, issa li wasal biex johrog mill-habs;

Illi dwar il-kwistjoni tal-manteniment il-Qorti tifhem illi l-konvenut jibqalu l-obbligu li jmantni lil martu u lil uliedu pero` fic-cirkostanzi tieghu mhux ser ikun facli li huwa jkun jista' jibda jahdem b'mod regolari u ghalhekk xejn ma jkun ghaqli li fl-istat attwali l-Qorti tordna illi ghandu jhallas xi forma ta' manteniment;

Illi dwar il-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-beni tal-kontendenti jidher li l-attrici meta zzewget kellha bicca art gewwa Haz-

Zabbar li kienet xtrat minn flusha u dina nbieghet waqt iz-zwieg bil-prezz ta' Lm3100 u dawna ghandhom jigu kreditati lill-assi partikolari taghha u dan oltre is-somma ta' Lm1000 illi l-attrici hallset f'isem zewgha meta zzewgu ghal djun illi huwa kien ghamel;

Illi ghalkemm il-konvenut ma tax dettalji dwar il-beni mobiljari, l-attrici elenkat diversi oggetti li kien hemm fid-dar matrimonjali, liema dar il-konvenut kien fdaha f'idejn ommu, illi tat ukoll ix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, u dawn jindikaw li d-dar kienet mghamra b'mod normali;

Illi skond l-attrici l-oggetti partikolari taghha li kienu jinsabu fid-dar jammontaw ghal Lm2500 illi fosthom hemm Lm1070 bhala deheb personali taghha; kien hemm ukoll id-deheb tat-tfal u anki wkoll diversi oggetti fid-dar matrimonjali illi hija stmat fis-somma ta' Lm1675;

Illi jrid jigi rilevat illi wara li jinghataw dawn id-dettalji d-dar matrimonjali giet mibjugha u ghalhekk il-Qorti ghandha tifhem li l-oggetti spiccaw f'idejn omm il-konvenut; pero` kif anki suggerit mill-abbli relatur ikun opportun li tigi evitata l-qasma materjali tal-beni kollha u ghalhekk il-Qorti sejra tasal *arbitrio boni viri* ghall-valuri opportuni;

Illi bhala konsegwenza tan-nuqqas ta' provi mressqa f'din il-kawza, il-Qorti kellha taghmel indagini shiha biex tista' tifhem x'kien gara mid-dar matrimonjali illi kienet certament inxtrat waqt iz-zwieg; issemma xi dejn maghmul mill-familjari pero` dwar dan ma tressqux provi

sufficjenti; illi a fol 59 u 60 tal-process gew esebiti rikors ipprezentat mil-Lohombus fejn talab l-awtorizzazzjoni biex id-dar 4 Independence Flat, San Clemente Estate, Gebel San Martin, Zejtun tinbiegh in subbasta minhabba kreditu li kellu l-istess bank u anki digriet moghti fis-6 ta' Jannar 1994 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Frederick Doublet biex jaccedi fuq il-post fit-28 ta' Jannar 1994; illi mill-indagini li saret fir-Registru ta' din il-Qorti jirrizulta illi fl-4 ta' Settembru 1995 Raymond Scicluna et ghamel depozitu tas-somma ta' Lm16,000 wara li giet liberata favur tieghu mill-Awtorita` tal-Qorti d-dar imsemmija; irrizulta wkoll illi fit-13 ta' Settembru 1995, il-Lohombus Bank Limited irtira mill-imsemmi depozitu s-somma ta' Lm6858, waqt illi aktar tard l-Awtorita` tad-Djar irtirat ukoll somma ulterjuri ta' Lm2192. Ma jidhirx illi saru prelevamenti ohra u ghalhekk il-Qorti ghandha tifhem li depozitati taht l-Awtorita` taghha fadal ftit anqas minn sebat elef lira u din is-somma ghandha tigi kkonsidrata bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Baldacchino u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

Tichad it-Tieni Talba in kwantu l-konvenut ma rrizultax li ghandu xi forma ta' introjtu

regolari b'dan li l-attrici jibqalha d-dritt illi tiehu kull azzjoni opportuna fil-kaz li c-cirkostanzi tal-konvenut jinbidlu;

Tilqa' it-Tielet Domanda kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi l-imsemmija ulied ghandhom jigu segwiti mir-rapprezentant tad-Direttur ghall-Harsien tal-Familja u dan fid-dawl tal-possibilita` li l-konvenut ikollu xi forma ta' access kontrollat ghall-imsemmija uliedu;

Tilqa' r-Raba' Domanda u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti;

Tiddeciedi l-Hames u s-Seba' Domanda billi tassenja lill-attrici s-somma ta' erbat elef u mitt lira Maltin (Lm4100) bhala proprjeta` parafernali taghha kif gja spjegat u s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) ghal sehemha mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwista minnha elenkati; waqt li lill-konvenut tassenjalu l-beni kollha li prezentement jinsabu fil-pussess tieghu inkluz il-mutur Suzuki imsemmi fil-process u tiddikjarah responsabbli ghal kull dejn li jista' jkun fadal fuq l-istess mutur, illi dwar id-depozitu li ghadu jezisti fir-Registru tal-Qorti, minn dan ghandhom jigu prelevati mill-attrici l-ammont ta' erbat elef u mitt lira Maltin (Lm4100) imsemmija aktar 'il fuq, waqt li mill-bilanc is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1000) ghandha tigi assenjata lill-attrici ghal sehmha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti kif fuq inghad u dak li jibqa’ ghandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;

Tilqa' wkoll is-Sitt Domanda u tiddikjara d-dekadenza tal-konvenut mid-drittijiet hemm hekk elenkati;

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghall-Harsien tal-Familja.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur